**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ. Nru. 96/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs**

**Ryan Falzon**

**Illum 17 ta' Ġunju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Ryan Falzon, ta' tnejn u għoxrin (22) sena, imwieled il-Pietà fit-23 ta' Settembru 1998, iben Anthony u Rita-Anna neè Borg, residenti Blk3, Flt6, Vjal De La Cruz, Qormi, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 348298(M), talli matul il-lejl tal-5 ta' Ġunju 2021 f'dawn il-Gżejjer:

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li kellu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1936) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Naqas milli jħares xi wħada u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti (Malta) u cioè l-Maġistrat Dr. Josette Demicoli LL.D. nhar is-27 ta' Novembru 2019, u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-ammont stabilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fl-10 ta' Ġunju 2021, ossia: (i) estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' l-imputat - Dok. "A"; (ii) stqarrija rilaxxata mill-imputat - Dok. "B"; (iii) fedinali penali ta' l-imputat - Dok. "C"; (iv) l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 22(2) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta - Dok. "D", (v) id-droga elevata mill-pussess ta' l-imputat - Dok. "E", (vi) id-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest datat 27 ta' Novembru 2019;

Rat li l-imputat irreġistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni giet minnu kkonfermata wara li l-Qorti, a tenur ta 'l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta 'dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerġa' jikkonsidra t-twegiba tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semghat is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli matul il-lejl tal-5 ta' Ġunju 2021, f'dawn il-Gżejjer: (i) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li kellu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1936) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) naqas milli jħares xi wħada u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti (Malta) u cioè l-Maġistrat Dr. Josette Demicoli LL.D. nhar is-27 ta' Novembru 2019, u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat, il-Qorti ssibu ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta, li rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u anke li l-ammont ta' droga li nstabet fil-pussess tiegħu kien wieħed żgħir. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li bħalissa l-imputat għaddej minn ċerti problemi f'ħajtu li b'mod inkonsult qed jopprova jtaffi jew jaffronta bl-użu tad-droga u li għaldaqstant huwa għandu bżonn l-

għajnuna sabiex mhux biss jiffaċċja dawn il-problemi iżda anke biex jaqta' l-vizzju tad-droga qabel ma jkun kompletament maħkum minnu.

In kwantu rigwarda l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'mod partikolari fejn jirrigwarda l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta ta' l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, in segwitu għall-emendi introdotti bl-Att XXIX ta' l-2021, dan illum ġie jaqra hekk: *Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa' sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u* ***l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skond kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat[1].***

Jiġi rilevat li fil-każ in eżami, in kwantu l-imputat qed jiġi akkużat bil-ksur tal-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest *qua* reat, il-provvedimenti tal-*proviso* ta' l-Artikolu 579(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jsibux applikazzjoni. Jiġi rilevat ukoll li l-Prosekuzzjoni ma hijiex qed titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' l-imputat.

Dan kollu jfisser għalhekk li l-Qorti, oltre naturalment il-kwistjoni ta' piena għat-twettiq tar-reat previst fl-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha tikkonsidra u tiddetermina jekk l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest ta' l-imputat taħt garanzija għandux jiġi konfiskat a favur il-Gvern ta' Malta fl-intier tiegħu jew f'parti minnu biss.

Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ fejn, jiġi ribadit, l-ammont ta' droga li nstabet fil-pussess ta' l-imputat kien żgħir, il-Qorti ma tqisx li għandha tordna l-konfiska ta' l-ammont kollu stabbilit fid-Digriet għall-Ħelsien mill-arrest datat 27 ta' Novembru 2019, iżda għandha biss tordna l-konfiska ta' parti mid-depożitu li kien ġie stabilit fl-ammont ta' ħames mitt Euro (€500).

Hawn il-Qorti tosserva li una volta li l-konfiska se tkun biss ta' parti mid-depożitu ta' €500, sabiex l-imputat ikun jista' jkompli jibbenefika mill-ħelsien mill-arrest lilu konċess bid-Digriet mogħti fis-27 ta' Novembru 2019, wara tali konfiska parzjali tad-depożitu, huwa jkoll jerġa jiddepożita l-ammont hekk konfiskat u jerġa' jagħmel garanzija għall-ammont kollu oriġinarjament ordnat. Fin-nuqqas li jagħmel dan l-imputat ma jkunx qed jottempera ruħu ma' dak fuqu impost għall-finijiet tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u b'hekk ikun qed jirrendi lilu nnifsu soġġett għar-riarrest tiegħu sakemm jiġi hekk in ottemperanza mal-benefiċċju lilu konċess.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ttenni li qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u peress illi l-Qorti hija tal-fehma li l-imputat għandu bżonn l-għajnuna għar-rijabilitazzjoni tiegħu mid-dipendenza fuq id-drogi, ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana anke b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22(8) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' sentejn (2) dekoribbli millum u dana taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti f'Digriet għall-Ħruġ ta'

[1] Enfasi tal-Qorti.

Ordni ta' Probation mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u b'hekk jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' mitt Euro (€100), rapreżentanti parti mid-depożitu ta' €500 impost fid-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest datat 27 ta' Novembru 2019.

A termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tfiehem lill-imputat bi kliem li jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqu u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni hekk imposta fuqu, jew jaghmel reat iehor tul iz-zmien li tali Ordni jkun in vigore, huwa jista' jingħata sentenza ghar-reati li taghhom qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza u d-Digriet ghall-hrug ta' Ordni ta' Probation jigu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u li kopja ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuq l-imputat tingħata lill-istess imputat.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li d-droga esebita fl-atti bħala Dok. "E", tiġi konfiskata a favur il-Gvern ta' Malta u sussegwentement distrutta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**